MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 4/2009

John Buttigieg
vs

Paul Camilleri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-13 ta’ Jannar 2009, li jghid hekk :-

‘Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lir-rikorrenti John Buttigieg is-somma ta’ seba’ mija u sittin Euro (€760) dovuti lir-rikorrenti bhala bilanc dovut minn ammont akbar dovut bhala hlas ta’ xoghol li sar fuq truck pick up appartenenti lill-konvenut, liema xogholijiet saru mir-rikorerrenti fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 25 ta’ Settembru 2008, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.’

Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fl-24 ta’ Marzu 2009, li permezz taghha oppona ghat-talba tal-attur :

‘Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda u dan stante li l-ammont mitlub huwa esagerat kif ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost ix-xoghol sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.’

Sama’ l-provi li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Sama’ lid-difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Din hija kawza fejn l-attur qed jitlob il-hlas tal-bilanc tal-prezz ta’ sebgha mija u sittin Euro (€760) ghal xoghol ta’ qtugh ta’ sadid, *rust proofing*, u *spray painting* fuq il-trakk pick up tal-konvenut tal-ghamla Isuzu bin-numru ta’ registrazzjoni JAZ-776. Mill-provi jirrizulta li l-ispiza totali tax-xoghol li gie esegwit mill-attur kienet tammonta ghal elfejn sitt mija u hamsa u ghoxrin Euro u ghoxrin centesimi (€2,625.20), li minnhom il-konvenut hallas lill-attur is-somma ta’ elf tmien mija u erba’ u sittin Euro u disa’ u sittin centesimi (€1,864.69) permezz ta’ tliet pagamenti li saru akkont fl-ammonti ta’ disgha mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centesimi (€931.75), mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centesimi (€232.94), u sebgha mitt Euro (€700), u fadal bilanc ta’ sebgha mija u sittin Euro (€760). Il-fattura dokument JB1 mahruga mill-attur kienet giet ifirmata mill-konvenut. Il-konvenut jippretendi li m’ghandux ihallas dan

il-bilanc mitlub mill-attur il-ghaliex jidhirlu li l-hlas li talbu l-attur ghax-xoghol esegwit minnu huwa esagerat u barra minn hekk ix-xoghol esegwit minnu ma sarx skond kif titlob l-arti u s-sengha.

Dan it-Tribunal jibda qabel xejn billi josserva b'riferenza ghan-nota guramentata tal-konvenut tat-22 ta' Ottubru 2009, li din in-nota gietipprezentata wara li kienu gia' gew maghluqin il-provi u wara li kienu l-partijiet stess li ddikjaraw li ma kienx fadlilhom aktar provi u ttrattaw l-kawza u l-kawza giet imhollija ghas-sentenza. Dan it-Tribunal mhuwiex jaccetta li jikkunsidra din in-nota u d-dokumenti esibiti maghha bhala prova u ghaldaqstant qed jordna l-isfilz taghha mill-atti, u dan ukoll billi dan it-Tribunal ma jistax jaccetta li jigu prezentati dokumenti wara li l-provi jkunu gew iddikjarati maghluqa minghajr ma ntalab il-permess tat-Tibunal ghal dan, u lanqas dan it-Tribunal ma jista' joqghod fuq salt ritratti li gew esibiti mill-konvenut wara li l-kawza kienet gia' tinsab differita ghas-sentenza bla ma ngabet il-prova fl-istadju tal-provi tal-konvenut tal-identifikazzjoni tal-vettura, u cioe' li r-ritratti huma tal-vettura li fuqha saru t-tiswijiet mill-attur, u wkoll minghajr ma l-attur kellu l-opportunita' li jivverifika l-istess dokumenti u jirregola d-difiza tieghu dwarhom. Il-konvenut kellu opportunita' ta' mhux inqas minn erbgha seduti li fiha seta' jressaq il-provi kollha tieghu, u naqas milli jaghmel dan, u huwa inaccettabbli, anzi' kontra kull regola tal-procedura, li wara li jkunu nghalqu l-provi huwa jipprova jissorprendi lill-parti l-ohra b'dokumenti li dik il-parti ma kellhiex l-opportunita' li tiddefendi ruhha dwarhom bil-mezzi kollha li taghtiha l-ligi. Ghalhekk dan it-Tribunal ihoss u b'sens ta' gustizzja mal-partijiet li huwa doveruz fuqu li mhux biss ma jqisx din il-prova, anzi' li ghandu jordna l-isfilz taghha mill-atti u joqghod biss fuq dawk il-provi li l-partijiet ressqu sa meta ddikjaraw li ma kienx fadlilhom aktar provi x'iressqu u ttrattaw il-kawza, u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi dwar il-meritu dan it-Tribunal jinsab rinfaccjat b'verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet. Minn naha l-wahda hemm l-attur li jsostni li minkejja li kien ta stima tax-xoghol lill-konvenut, il-konvenut kien ziedlu aktar xoghol minn dak

li kien gie miftiehem originarjament. Barra minn dan l-attur jikkontendi wkoll illi t-trakk kien imkaghbar u hadlu aktar xoghol u materjal minn kif kien ikkalkula originarjament. Minn naha l-ohra l-konvenut jikkontendi li x-xoghol li nkariga lill-attur li jaghmillu fuq it-trakk kien inghata stima tieghu minn qabel u jippretendi li jhallas lill-attur skond l-istima li kien tah, anzi skond hu hallsu lill-attur hamsin lira Maltin (Lm50) aktar mill-istima, u cioe' tah tmien mitt lira Maltin (Lm800) meta skond hu, l-istima tax-xoghol kienet ghal sebgha mija u hamsin lira Maltin (Lm750). Jirrizulta li x-xoghol kommissjonat lill-attur mill-konvenut fuq it-trakk tieghu kien wiehed verbali, u hemm nuqqas ta' ftehim ta' x'ezattament kien gie miftiehem bejn il-partijiet dwar in-natura u l-kwalita' tax-xoghol li jkun ser isir, u dan wassal sabiex meta fl-ahhar kellu jsir il-hlas inqalghu l-argumenti illi fil-fatt inqalghu. F'dan il-kuntest hija flokha r-riflessjoni li saret mill-Qorti Tal-Appell fid-decizjoni taghha tat-13 ta' Frar 1997, fil-kawza fl-ismijiet : **Nazzareno Vassallo noe vs Edward Maggi** : 'F'kazijiet bhal dak *de quo* dak li ghandu l-aktar importanza huwa x'ezattament ikun gie miftiehem bejn il-partijiet dwar in-natura u l-kwalita` tax-xoghol li jkun ser isir, u l-esperjenza tghallem illi l-kwestjonijiet jinqalghu ghaliex wiehed mill-partijiet jew it-tnejn ma jkunux approfondew sew it-termini tal-ftehim biex ma jinqalax inkwiet u disgwid wara.' Din is-silta turi kemm hu mportanti illi qabel ma wiehed jintrabat, jivverifika u jippreciza sew, bl-ahjar b'mod espress, il-lista tax-xoghlijiet li jkunu jridu jigu ezegwiti, il-prezz u l-kondizzjonijiet korrelatati. Huwa dan in-nuqqas ta' ftehim car li hafna drabi jwassal ghall-konflitt ta' verzjonijiet. Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti 'tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: (i) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u (ii) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur*. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-

preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.' [Appell Inferjuri, **Maria Xuereb vs Clement Gauci et**, 24/03/2004]. Inghad ukoll li 'l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*. Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni.' [Prim' Awla, **George Bugeja vs Joseph Meilak**, 30/10/2003].

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda tal-partijiet u jkollu jistqarr minghajr esitazzjoni li ma jsib ebda raguni logika fil-verzjoni tal-attur il-ghaliex minn naha tieghu kien ghazel li jaghmel xoghol fuq zewg *mudguards* u *bonnet* li gablu l-konvenut li kienu f'kundizzjoni ferm aghar mill-*mudguard*s u l-*bonnet* li kien hemm imwahhlin fuq it-trakk. Dwar il-kundizzjoni hazina ta' dawn il-*mudguards* u l-*bonnet* li gab il-konvenut jikkonfermah mhux biss il-konvenut izda sahansitra l-attur innifsu : '*Anke' l-mudguards u l-bonnet li gabli l-konvenut gabhom aghar milli kellu, u ghalhekk jiena hadt aktar xoghol biex dawn irrangajthom qabel ma sprejjajthom*'. Fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal

dan ix-xoghol zejjed mill-attur sar inutilment, u l-attur bhala persuna ta' hila fis-sengha u l-arti tieghu imessu kien ghaqli bizzejjed li x-xoghol kellu jesegwih fuq dawk il-partijiet tat-trakk li kellhom jehdulu inqas xoghol biex jirrangahom minn ohrajn li kienu f'kundizzjoni ferm aktar imkaghbra. Kien doveruz fuq l-attur illi jassikura li x-xoghol li jesegwixxi jsir utilment. Dan anke' ghaliex kif akkolt mill-gurisprudenza jekk l-attur jaghmel xoghol li jirrizulta inutili hu ma ghandux dritt jithallas ta' xogholu, li ghamel inutilment, "ghax la kien jaf b'dik l-inutilita` u li x-xoghol kien kontra s-sengha ma kienx imissu ghamel dak ix-xoghol, u lanqas kien imissu ikkarika lill-kommittent bl-ispiza tal-materjal relattiv." (**Kollez. Vol. XL.i.485**). Ghalhekk dan it-Tribunal ser jiehu konsiderazzjoni ta' dan fil-likwidazzjoni tal-hlas li qed jitlob l-attur.

Minn naha l-ohra pero' lanqas m'huwa gustifikat il-konvenut li ghamel pagamenti akkont ghal wiehed, tnejn, u tlieta tal-kont li kien tah l-attur u sa ffirma l-fattura mahruga mill-attur, u mbaghad jippretendi li jhallas kemm jidhirlu hu. Dan it-Tribunal ma jarahiex verosimili l-verzjoni tal-konvenut li minkejja li hu ma kienx soddisfatt bix-xoghol li sar mill-attur fuq it-trakk tieghu, huwa mhux biss baqa' ma ha ebda azzjoni ghad-danni fil-konfront tal-attur ghal xoghol li skond hu ma sarx skond l-arti u s-sengha, izda talli baqa' jaghmel xorta wahda pagamenti lill-attur akkont tal-prezz minnu mitlub. Ghalhekk mhuwiex gustifikat il-konvenut li jirrifjuta li jhallas il-bilanc ghalkemm fil-fehma ta' dan it-Tribunal, mhux necessarjament fl-ammont shih li qed jintalab mill-attur ghar-ragunijiet gia' rilevati.

Wara li ra l-artikoli 3(2), 7(1), 9(2)(a)(3) tal-Kap.380.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula it-talba attrici timmerita li tigi milqugha limitatament ghas-somma bilancjali ta' hames mija u hamsin Euro (€550) u mhux ghal sebgha mija u sittin Euro (€760).

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' hames mija u hamsin Euro (€550), u jikkundanna lill-konvenut

ihallas lill-attur din is-somma, bl-imghaxijiet li ghandhom jiddekorru fuqha skond il-ligi millum sal-effettiv pagament.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal decima (1/10) parti mill-attur u l-kumplament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------